# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 321 – It-Tlieta 14 ta' Ġunju 2016

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

### ASSENTI SKUŻATI
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva komunikat mingħand il-Viċi Sindku fejn infurmat li kienet imsiefra fuq xogħol. Is-Sindku ippropona li għandha titniżżel bħala assenti skukażata. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI
Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 320 jkunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI

2.1 Il-Payground Nalizerpelta

Is-Sindku qal li l-ftuħ kien se jsir il-Ħadd, 19 ta' Ġunju.

2.2 Triq Mons. Mikiel Azzopardi

Is-Sindku qal li l-espert tal-Qorti dwar it-Traffiku s-sur Mario Buttigieg kien infurmah li ma jistax iwettaq ir-rapport u għalhekk qabbad lis-sur Bjorn Bonello. Dan għandu jltesti r-rapport sa nofs Lulju.

# 3 FINANZI

3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 FESTA SAN NIKOLA – Siggiewi Festival Brass Band

Il-Kunsillier Julian Borg qal li dwar din il-materja hu kellu kunflitt ta' interess u irtira mis-sala.

Is-Sindku beda biex qal li wara l-aħħar seduta, minnufih intbagħtet l-ittra lis-Siggiewi Festival Brass Band. Kien propju lbieraħ li wasslet it-tweġiba għaliha u li fiha pjanta ġdida fejn il-Brass Band għamlet proposta li tispostja l-kolonna aktar 'l isfel u b'distanza ta' 3 metri mill-armar li hemm preżenti. Il-Brass Band qed titlob lill-Kunsill li japprova.

Is-Sindku kompla jgħid li hu immedjatament informa lill-Arċipriet dwar dan. Dan min-naħa tiegħu wieġeb permezz ta' ittra mill-Grupp tal-Armar fejn qed jitolbu li kull meta jkun se jsir armar ġdid jistennew li jiġu ikkonsultati u din il-konsultazzjoni ssir xhur sew qabel il-festa u mhux fl-aħħar jiem. Huma qalu wkoll li jekk il-Brass Band tingħata permess tarma armar fejn diġà hemm armar tal-Grupp tal-Armar, dan joħloq preċedent li jista' joħloq kunflitt.

Is-Sindku qal ukoll li dwar il-kwistjoni ta' konsultazzjoni mhux qed issir referenza għall-Kunsill imma għas-Siġġiewi Festival Brass Band.

Hu għalhekk ipproponi li t-tweġiba tal-Kunsill għandha tkun imfisser permezz ta' din il-korrispondenza li għandha tintbagħat miiufih lisd-Siġġiewi Festival Brass Band:

"Nirreferi għall-korrispondenza mibgħuta f'isem l-għaqda Siġġiewi Festival Brass Band & Social Club nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2016 rigward it-talba sabiex l-

imsemmija għaqda tkun tista' tarma l-kolonna "Siġġiewi Città Ferdinand" faċċata tal-Każin tal-istess għaqda.

Ġentilment ninfurmak li waqt laqgħa li saret ilbieraħ it-Tlieta 14 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ddeċieda li peress li din l-imsemmija talba waslet biss ħamest'ijiem qabel jibdew l-attivitajiet b'rabta mal-festa ta' din is-sena, l-istess talba m'għandhiex tiġi kkunsidrata u tittieħed deċiżjoni dwarha f'dan l-istadju iżda għandha tiġi kkunsidrata u tittieħed deċiżjoni dwarha wara li tkun għaddiet il-festa ta' din is-sena.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ddeċieda wkoll li immedjatament wara li tgħaddi l-festa ta' din is-sena, jibda proċess ta' konsultazzjoni ma' dawk kollha nteressati, inkluż l-għaqda Siġġiewi Festival Brass Band & Social Club, bil-għan li d-deċiżjoni tkun waħda infurmata u sabiex possibbilment jintlaħaq qbil bejn dawk kollha nvoluti dwar kif u fejn għandha tintrama' l-imsemmija kolonna."

Is-Sindku qal ukoll li immedjatament il-Perit tal-Kunsill għandu jitqabbad jagħmel proċess ta' verifika u immedjatament ukoll wara l-festa jibda l-proċess ta' konsultazzjoni. Huwa qal ukoll li biex dan il-proċess jitħaffef, kien se jara li jitmexxa minnu, imbagħad jiġi infurmat il-Kunsill qabel tittieħed deċiżjoni finali.

Wara diversi interventi dwar il-materja kollha u b'mod partikolari dwar l-aħħar punt, il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Il-Kunsillier Julian Borg reġa' ħa postu fis-sala

# 5 HWEJJEĠ OHRAJN

## 5.1 Transport Day Centre

Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace qalet li ġiet infurmata mid-Day Centre li l-kuntrattur attwali tat-trasport se jwaqqaf is-servizz tiegħu. Jidher li hemm ħafna tgergir mill-anzjani dwar din il-materja. Jihder ukoll li saret talba lid-Dipartiment tal-Anzjani biex joffri hu dan is-servizz imma t-tweġiba kienet fin-negattiv.

Is-Sindku qal li rridu naraw l-ispejjeż ta' dan is-servizz u għalhekk talab li tiġi ppreżentata stima lill-Kunsill qabel ma din tkun diskussa.

## 5.2 Outdoor Gym

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Perit tal-Kunsill qed jara li jinxtraw replacmnents tal-oġġetti mkissra jew nieqsa fl-Outdoor Gym.

5.3 Irtirar tas-Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal li fil-jhiem li ġejjin għandha toħroġ is-sejħa pubblika biex jimtela l-post vakanti ta' Segretarju Eżekutiv.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara magħluqa fit-8:30pm u ippropona li l-Kunsill jerġa' jitlaqqa' Nhar it-Tnejn 4 ta' Lulju u 2016, fis-7.00p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

L-Avukat Dr Karol Aquilina
Sindku

Is-Sur Nikol Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv

Konfermati llum it-Tnejn, 4 ta' Lulju 2016